**Domanda preliminari**

It-tieni inċiż tal-Artikolu 239(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li, abbażi ta' din id-dispożizzjoni, jista' jsir ir-rimbors tad-dazji doganali, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, li fiha l-merkanzija mhux Komunitarja importata mill-persuna kkonċernata ġiet esportata mill-ġdid barra mit-territorju doganali tal-Komunità u li fiha ċ-ċirkustanzi li wasslu għad-dejn doganali ma humiex dovuti għal negliġenza manifesta min-naħa tal-persuna kkonċernata?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bezirksgericht Schwechat (l-Awstrija) fil-25 ta' Frar 2020 – JU vs Air France Direktion für Österreich

**(Kawża C-93/20)**

(2020/C 201/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bezirksgericht Schwechat

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* JU

*Konvenuta:* Air France Direktion für Österreich

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 31(2) ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 31(4) tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru (il-Konvenzjoni ta' Montreal) ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li fil-każ ta' ħsara f'bagalja tal-istiva li tkun seħħet abbord l-ajruplan jew matul il-perijodu ta' żmien li fih il-bagalja tal-istiva kienet taħt ir-responsabbiltà tat-trasportatur tal-ajru, din il-ħsara għandha, fil-każ ta' kunsinna tardiva, tiġi indikata f'kull każ lit-trasporatur tal-ajru fi żmien sebat'ijiem mill-kunsinna tal-bagalja lid-destinatarju tagħha, b'tali mod li, fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni u sakemm dan tal-aħħar ma jkunx aġixxa b'mod frawdolenti, tkuna prekluża kull azzjoni kontra t-trasportatur tal-ajru?

2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:

   L-Artikolu 31(2) ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 31(4) tal-Konvenzjoni ta' Montreal għandu jiġi interpretat fis-sens li fil-każ ta' ħsara f'bagalja tal-istiva li tkun seħħet abbord l-ajruplan jew matul il-perijodu ta' żmien li fih il-bagalja tal-istiva kienet taħt ir-responsabbiltà tat-trasportatur tal-ajru, din il-ħsara għandha, fil-każ ta' kunsinna tardiva, tiġi indikata lit-trasporatur tal-ajru fi żmien wieħed u għoxrin jum mill-kunsinna tal-bagalja lid-destinatarju tagħha, b'tali mod li, fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni u sakemm dan tal-aħħar ma jkunx aġixxa b'mod frawdolenti, tkun prekluża kull azzjoni kontra t-trasportatur tal-ajru?

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/539/KE tal-5 ta' April 2001 dwar il-konklużjoni tal-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjoni bl-Ajru (il-Konvenzjoni ta' Montreal) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 491).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesgericht Linz (l-Awstrija) fil-25 ta' Frar 2020 – Land Oberösterreich vs KV

**(Kawża C-94/20)**

(2020/C 201/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landesgericht Linz

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellanti:* Land Oberösterreich

*Appellat:* KV

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/109/KE ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik prevista fl-Artikolu 6(9) u (11) tal-oberösterreichisches Wohnbauförderungsgesetz (il-Liġi tal-Land tal-Awstrija ta' Fuq dwar l-Appoġġ għall-Kostruzzjoni ta' Akkomodazzjoni, iktar 'il quddiem l-"oöWFG"), li tagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni, liċ-ċittadini ta' Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u lill-membri tal-familja tagħhom fis-sens tad-Direttiva 2004/38/KE ([2]) l-benefiċċju soċjali ta' għajnuna għall-akkomodazzjoni mingħajr ma huma meħtieġa jipproduċu l-prova tal-għarfien lingwistiku tagħhom, filwaqt li, fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti għal perijodu twil fis-sens tad-Direttiva 2003/109, teżiġi għarfien bażiku tal-lingwa Ġermaniża, u l-prova ta' dan għandha tiġi prodotta b'mod speċifiku, jekk din l-għajnuna għall-akkomodazzjoni tkun intiża sabiex ittaffi l-piż li jirriżulta mill-ispejjeż tal-akkomodazzjoni meta l-imsemmi piż ma jkunx raġonevoli, minkejja li benefiċċju soċjali ieħor (il-garanzija ta' riżorsi minimi sabiex jiġi żgurat li jiġu koperti l-bżonnijiet kif previst taħt l-oberösterreichisches Mindestsicherungsgesetz (il-Liġi tal-Land tal-Awstrija ta' Fuq dwar il-Garanzija ta' Riżorsi Minimi) huwa intiż ukoll sabiex jiggarantixxi lill-persuni li jkunu jinsabu f'sitwazzjoni ta' diffikultà soċjali minimu għall-għajxien (inklużi l-bżonnijiet ta' akkomodazzjoni)?

2) Il-projbizzjoni ta' "diskriminazzjoni diretta jew indiretta" bbażata fuq "l-oriġini tar-razza jew l-etniċità" stabbilita fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/43/KE ([3]) għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik prevista fl-Artikolu 6(9) u (11) tal-oöWFG, li tagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni, liċ-ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE u lill-membri tal-familja tagħhom fis-sens tad-Direttiva 2004/38 benefiċċju soċjali (l-għajnuna għall-akkomodazzjoni taħt l-oöWFG) mingħajr ma huma meħtieġa jipproduċu l-prova tal-għarfien lingwistiku tagħhom, filwaqt li, fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (inklużi ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti għal perijodu twil fis-sens tad-Direttiva 2003/109), teżiġi għarfien bażiku tal-lingwa Ġermaniża, u l-prova ta' dan għandha tiġi prodotta b'mod speċifiku?

3) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għat-tieni domanda:

Il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini etnika stabbilita fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik prevista fl-Artikolu 6(9) u (11) tal-oöWFG, li tagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni, liċ-ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE u lill-membri tal-familja tagħhom fis-sens tad-Direttiva 2004/38 benefiċċju soċjali (l-għajnuna għall-akkomodazzjoni taħt l-oöWFG) mingħajr ma huma meħtieġa jipproduċu l-prova tal-għarfien lingwistiku tagħhom, filwaqt li, fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (inklużi ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti għal perijodu twil fis-sens tad-Direttiva 2003/109), teżiġi għarfien bażiku tal-lingwa Ġermaniża, u l-prova ta' dan għandha tiġi prodotta b'mod speċifiku?

---

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2003/109 tal- 25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272).

([2]) Direttiva 2004/38 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46)

([3]) Direttiva tal-Kunsill 2000/43 tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 23).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Berlin-Brandenburg (il-Ġermanja) fis-27 ta' Frar 2020 – HR vs Finanzamt Wilmersdorf**

**(Kawża C-108/20)**

(2020/C 201/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Berlin-Brandenburg